**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 221**
**Il-Ħamis, 14 ta' Marzu, 2024 fl-4:00 p.m.**

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

**DOKUMENT GĦALL-KONSULTAZZJONI DWAR IT-TAGĦLIM TAL-MALTI GĦALL-BARRANIN**

**3202. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Peress li fl-2019 kien ħareġ dokument għall-konsultazzjoni dwar it-tagħlim tal-Malti għall-Barranin (MLB), jista' l-Ministru jgħid jekk dan id-dokument ġiex finalizzat jew le?

19/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dokument imsemmi ġie ffinalizzat.

Seduta 221
14/03/2024

**IMRIEĦEL – SKOLA SEKONDARJA – FORN BIL-ĦSARA**

**6232. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta se jissewwa l-forn bil-ħsara (li jintuża għall-fuħħar mill-istudenti tal-Life-Long Learning) fl-Iskola tal-Imrieħel (Sekondarja Kulleġġ Santa Tereża)?

07/02/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16788.

Seduta 221
14/03/2024

**MVPA – INVESTIMENT KAPITALI**

**9036. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien l-investiment kapitali fl-Iskola Nazzjonali tal-Arti Viżwali u Performattiva (MVPA), sena b'sena, minn mindu twaqqfet u jelenka wkoll fiex kien jikkonsisti l-investiment?

23/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Infurmat li matul is-snin, fl-iskola msemmija, saru x-xogħlijiet neċessarji bħar-rinovazzjoni tal-faċċatta, tal-klassijiet u tal-kuruturi. Sar it-tiling tad-daħla tal-iskola u tal-blokk amministrattiv kollu, ġiet miżbugħa l-bitħa l-kbira, saret sejħa għall-offerti għall-Kiln u mistennija tiġi nstallata fix-xhur li ġejjin.

Seduta 221
14/03/2024

**SKEJJEL – STUDENTI JISTENNEW SERVIZZ TA' LSE**

**10984. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti li għandhom diffikultajiet biex jitgħallmu u li għadhom qegħdin jistennew LSE?

07/07/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li l-proċess ta' statementing hu wieħed kontinwu u rigoruż.
Seduta 221
14/03/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - DEPUTATI TAL-GVERN**

**14882. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid min kienu / huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, ingħataw xi kuntratt ta' konsulenza miċ-ċivil, servizz pubbliku, jew minn kumpaniji / banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, minn aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat x'tip ta' konsulenza kienu qed jagħtu, fejn kienu qegħdin iservu, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu ingaġġati (jekk hux b'sejħa pubblika, direct order, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

15/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru ma ta l-ebda kuntratt ta' konsulenza miċ-ċivil, servizz pubbliku, jew minn kumpaniji / banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju lill-individwi msemmijja.

Seduta 221
14/03/2024

**BAĠIT GĦAR-RIĊERKA FL-UNIVERSITÀ TA' MALTA**

**14945. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'kien il-baġit għar-riċerka fl-Università ta' Malta mis-snin 2020 sa 2023?

16/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li bejn l-2020 u l-2023 l-Universita kellha baġit ta' madwar 7 miljun ewro, apparti line items oħrajn idedikati lill-Universita.
Mandankollu, apparti dan il-baġit, l-Università ġabet ukoll fondi għar-riċerka minn sorsi oħrajn liema ammonti annwali minn l-2020 sal-2023 huma kif jidhru fit-tabella li jmiss:

| Sena | Ammont (eur) |
|---|---|
| 2020 | 6.67 miljun |
| 2021 | 10.33 miljun |
| 2022 | 12.31 miljun |
| 2023 | 13.32 miljun |

Apparti minn hekk ġew investiti total ta' €39 miljun fuq TRAKE (Transdisciplinary Research and Knowledge Exchange) labs.

Seduta 221
14/03/2024

**HEAD OF DEPARTMENT - SKEJJEL STATALI FIL-LIVELL SEKONDARJU**

**16793. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm HoDs impjegati mal-iskejjel tal-istat fis-sekondarja u liema suġġetti jkopru?

27/02/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-iskejjel imsemmijja hawn 210 HoD u li dawn ikopru suġġetti varji matul is-sena skolastika.

Seduta 221
14/03/2024

**SKOLA TAL-ISPORT – ĦLAS GĦAL TIPI OĦRA TA’ SPORT**

**17110. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk barra t-taħriġ tal-isport, fl-Iskola tal-Isport f'Malta, hemmx xi tipi oħra ta' sport li għalih l-istudenti jridu jħallsu?

06/03/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-istudenti ma jħallsu għall-ebda dixxiplina li jitħarġu għalih fl-iskola.

Seduta 221
14/03/2024

**RIĊERKA U INNOVAZZJONI**

**15489. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'riċerka u x’innovazzjoni saret mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista’ jgħid ukoll jekk hemmx konklużjonijiet tar-riċerka u kemm hu maħsub li din ir-riċerka ġiet tiswa?

23/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 221
14/03/2024

**RIĊERKA - ENTITAJIET LI SER JIBBENEFIKAW**

**15490. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba saret ir-riċerka u liema entitajiet ħa jibbenefikaw minnha?

23/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 15489.

Seduta 221
14/03/2024

**PERSUNI LI MIETU WAQT LI KIENU FIL-LISTA TA’ STENNIJA GĦAL ORGANU/ORGANI**

**15556. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna mietet li kienet fil-lista ta’ stennija għal organu/organi f'dawn l-aħħar ħames snin?

24/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hi kif ġejja:

| | |
|---|---|
| 2019 | 2 pazjenti |
| 2020 | 2 pazjenti |
| 2021 | 1 pazjenti |
| 2022 | 1 pazjenti |
| 2023 | Xejn |

Seduta 221
14/03/2024

**FLOTTA TAL-AMBULANZI**

**15557. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx l-intenzjoni li tinbidel il-flotta tal-ambulanzi għall-waħda elettrika?

24/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-flotta tal-ambulanzi hija waħda ġdida u ma hemmx pjanijiet li tinbidel għalissa.

Seduta 221
14/03/2024

**SPIŻA TAL-GVERN B'RABTA MA' ARBITRAĠĠ INTERNAZZJONALI**

**15571. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 11156 u 12180 li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol u lill-Prim Ministru u jgħid kemm tħallsu flus s'issa fi spejjeż legali, eċċ. mill-Gvern Malti fl-arbitraġġ internazzjonali li fetaħ kontra Malta s-sid tal-Bank Pilatus?

24/01/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet li diġa' tajt f'mistoqsijiet parlamentari 11155 u 12179.

Seduta 221
14/03/2024

**SPTAR MATER DEI – TIBDIL JEW TRANĠAR TA' LIFTS**

**15609. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti n-numru ta' drabi li l-lifts f'Mater Dei nbidlu kompletament (mhux sempliċiment tranġat il-ħsara), u ġew installati oħrajn ġodda minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jagħti d-data ta' kull darba li ġew installati dawn il-lifts ġodda fjamanti flok oħrajn?

25/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li meta l-lifts issirilhom manuntenzjoni kif suppost u b'mod regolari kif issir fl-isptar Mater Dei, ma jkunx hemm il-ħtieġa li jinbidlu kompletament ma' lifts ġodda. Il-modernizzar ta' komponenti ewlenin ikun biżżejjed u dan isir.
Infurmat ukoll li fl-2021 beda programm ta' modernizzar fuq 50 lift. Baqa' jsir xogħol fuq ħamsa (5) u dawn mistenni li jkun lest fuqhom sat-tielet kwart tal- 2024.
Infurmat ukoll li jkun baqa' tnejn (2) li ser jiġu żarmati u mibdula ma' lift wieħed akbar biex iservi l-High Degree Isolation Unit. Hu programmat li jiġi installat fl-aħħar kwart tal-2024This scheduled for installation Q4 of 2024.
Seduta 221
14/03/2024

**CHILD DEVELOPMENT ASSESSMENT UNIT (CDAU) – REFERRALS**

**16206. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm referrals ġodda għaċ-Child Development Assessment Unit (CDAU) fis-sena 2023?

06/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li fis-sena 2023 kien hemm 714-il referral ġdida għaċ-CDAU.
Seduta 221
14/03/2024

**CHILD DEVELOPMENT ASSESSMENT UNIT (CDAU) - KAŻIJIET**

**16207. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet ġodda li ġew riferuti matul is-sena 2022, fiċ-Child Development Assessment Unit (CDAU) u li l-assessment u r-rapport tagħhom kien lest sal-aħħar tas-sena 2022?

06/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li fis-sena 2022 kien hemm 800 referral ġdida għac-CDAU. Kull rapport tal-pedjatri nagħata lill-pazjent b'mod immedjat jiġifieri fl-2022.

Seduta 221
14/03/2024

**CHILD DEVELOPMENT ASSESSMENT UNIT (CDAU) - KAŻIJIET**

**16208. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid matul is-sena 2023, kemm kien hemm każijiet ġodda fiċ-Child Development Assessment Unit (CDAU) li l-assessment u r-rapport tagħhom kien lest sal-aħħar tas-sena 2023?

06/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li mill-aspett pedjatriku, l-każijiet li ġew riferuti għac-CDAU fis-sena 2023, kollha ġew assessjati u nagħtaw ir-rapport

Seduta 221
14/03/2024

**CHILD DEVELOPMENT ASSESSMENT UNIT (CDAU) – TFAL BI BŻONN TA' LSE**

**16209. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu konklużi assessments u rapporti fiċ-Child Development Assessment Unit (CDAU) fl-2023,li fihom sabu li t-tfal għandhom bżonn l-għajnuna ta' LSE (full-time jew shared)?

06/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant tirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 221
14/03/2024

**CHILD DEVELOPMENT ASSESSMENT UNIT (CDAU) – TFAL BI BŻONN TA' LSE**

**16210. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm jieħu żmien medju minn meta każ jiġi riferut għaċ-Child Development Assessment Unit (CDAU) sakemm jinħareġ ir-rapport finali li jikkonkludi li t-tifel/tifla għandhom bżonn LSE (full-time jew shared)?

06/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant tirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 221
14/03/2024

**CYPS – KAŻIJIET MAGĦLUQA**

**16211. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet fiċ-Child and Young People's Services (CYPS) li ngħalqu fl-2022?

06/02/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li fis-sena 2022 kien hemm 423 każ li ġew magħluqa.

Seduta 221
14/03/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI - AIRTIME U PROGRAMMI - NEFQA**

**16476. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu fuq programmi tat-televixin mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn il-programmi, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-programmi u l-istazzjon tat-televixin li l-Ministeru xtara airtime? Jista' jindika ukoll liema minn dawn kienu intervisti?

19/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 215
04/03/2024

**BAĠIT 2024 – INĊENTIV GĦAL ĦADDIEMA TAS-SERVIZZ LI JIBQGĦU JAĦDMU**

**16535. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Filwaqt li ssir referenza għal inċentiv tal-Baġit 2024 li permezz tiegħu dawk il-persuni tas-servizz li mill-2024, jagħżlu li jagħtu servizz lil hinn minn 29 sena, jista' l-Ministru jgħid, jekk hemmx il-lok illi din il-miżura tiġi applikata retrospettiva u ċjoè li kull persuna li llum diġà qiegħda tagħmel perjodu addizzjonali tas-servizz tkun eleġibbli, u dak iż-żmien ta' servizz oltre li tat diġà, ikun jgħodd f'din l-iskema u jkun jista' jibbenefika mill-inċentivi, minflok dawn jibdew jgħoddu mill-2024 'il quddiem biss? Jekk le, jista' jgħid jekk hux ser ikun hemm diskriminazzjoni u jagħti r-raġuni?

19/02/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 221
14/03/2024

**PULIZIJA – RAPPORTI TA' TRAFFIKAR TAD-DROGA**

**16598. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15064, jista' l-Ministru jaqsam l-ammont ta' 83 rapport ta' każijiet ta' traffikar ta' droga li saru mill-Pulizija matul is-sena 2023 u jipprovdi l-ammonti rispettivi fil-lokalitajiet imsemmija?

21/02/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella li qed tiġi mpoġġija fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 221
14/03/2024

**KUNSILLI LOKALI GĦAWDXIN – SKEMI**

**16658. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il skema għall-kunsilli lokali Għawdxin ħarġet matul is-snin 2020, 2021, 2022 u 2023 mill-Ministeru tiegħu? Jista' jgħid ukoll:

a. Kemm kien l-ammont allokat għal kull skema?

b. Kemm applikaw kunsilli lokali għal kull skema?

ċ. Liema kienu l-kunsilli lokali li ħadu għajnuna minn kull skema u liema kienu dawk il-kunsilli li applikaw u ma ħadux għajnuna f'kull skema?

d. Kemm kien l-ammont totali li ngħata lil kull kunsill lokali f'kull skema u għal liema proġetti jew inizjattivi?

e. Kemm hu l-ammont li sal-lum tħallas lil kull kunsill lokali f'kull każ u f'kull skema?

22/02/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mid-Direttorat EkoGhawdex mill-2020 sal-2023 ġew imnedija żewġ skemi – skema għar-restawr ta' niċeċ u/jew monumenti u/jew binijiet ta' valur storiku jew artistiku u skema oħra għal installazzjoni ta' Open Gym Equipment.

L-iskema tar-restawr kellha allokata s-somma ta' €80,000.00 u applikaw tmien (8) kunsilli lokali, filwaqt li l-iskema tal-Open Gym kellha allokata s-somma ta' €70,000.00 u applikaw disa' (9) kunsilli lokali. Il-bqija tal-informazzjoni mitluba tinsab fuq it-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 221
14/03/2024

**PIETÀ – DAR FATIMA - PROĠETT TA' RINNOVAR**

**16659. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid min hu l-perit/kumpanija ta' periti inkarigati mill-proġett ta' rinnovar u xogħol ieħor ta' Dar Fatima ġewwa l-lokalità tal-Pietà? Kif intgħażel dan il-perit/kumpanija u min ta l-awtorizzazzjoni biex jintgħażel/tintgħażel dan il-perit/kumpanija u kemm-il siegħa xogħol għamel/għamlet s'issa u x'tip ta' xogħol fuq dan il-proġett u kemm tħallas/tħallset s'issa? Min ta l-awtorizzazzjoni biex jitħallas/titħallas? Kemm hu ppjanat li jitħallas/titħallas globalment dan l-individwu/kumpanija fuq il-proġett ta' rinnovar u xogħol ieħor ta' ġewwa Dar Fatima ġewwa l-lokalità tal-Pietà?

22/02/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Perit Frank Muscat (Doric Studio) huwa nkarigat mill-proġett ta' Dar Fatima fil-lokalità tal-Pietà. Il-Perit intgħażel permezz ta' Negotiated Procedure mibnija fuq espressjoni ta' interess li kienet maħruġa aktar kmieni. L-ammont ta' ħlas li sar huwa €32,200. Il-Perit qed jikkordina dan il-proġett fejn għamel is-surveys, pjanti, applikazzjonijiet għall-permessi meħtieġa u anke d-dokumenti tal-offerti għax-xogħlijiet kollha meħtieġa fosthom xogħlijiet strutturali u ċivili, xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi, xiri u installazzjoni ta' għamara u apparat u xogħlijiet ta' rfinituri (finishes).

Seduta 221
14/03/2024

**TAL-PIETÀ – DAR FATIMA - PROĠETT**

**16660. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar il-proġett ta' Dar Fatima ġewwa l-lokalità tal-Pieta? Meta hu ppjanat li jitlesta x-xogħol kollu fuq din il-binja biex tibda tintuża u għal liema skop ħa tintuża? Kemm kienu l-fondi allokati għal din il-binja fil-baġit għal kull waħda mis-snin 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023, kemm intefqu minnhom u kemm hemm fondi allokati għas-sena 2024? Jista' jgħid ukoll kemm hi stmata li se tkun l-ispiża globali fuq din il-binja biex tibda tintuża u jekk din il-binja hijiex proprjetà tal-Gvern jew mikrija u jekk hija mikrija jgħid kemm tħallset kera fis-sena u lil min, fl-aħħar ħames snin?

22/02/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett ta' Dar Fatima huwa proġett ieħor ta' akkomodazzjoni għall-istudenti residenti f'Għawdex li jkomplu l-istudji tagħhom f'Malta. Il-proġett mistenni li jibda matul din is-sena u mistenni jitlesta sat-tielet kwart tas-sena 2025. Il-binja hija parti mill-Kunvent tad-Dumnikani ta' Gwardamanġia. L-informazzjoni dwar il-kera li tħallset tinsab fit-tabella annessa. L-ispiża globali biex il-binja tkun tista' tibda tintuża mistennija tkun ta' €600,000. L-informazzjoni dwar fondi allokati u kemm intefqu mis-sena 2019 sas-sena 2024 hi fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 221
14/03/2024

**QORTI TA' GĦAWDEX - SKULAR TA' ILMA TAX-XITA MIS-SOQFA**

**16664. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk fil-Qorti ta' Għawdex hemmx periklu għall-ġudikanti, ħaddiema, avukati u persuni li jużaw il-Qorti per konsegwenza ta' ilma tax-xita li daħal fis-soqfa qodma bix-xorok u travi tal-injam tal-awli u kmamar oħra? Jista' jgħid meta saret l-aħħar spezzjoni, minn min saret u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tar-rapporti li saru dwar dan l-iskular ta' ilma tax-xita mis-soqfa? Jista' jgħid ukoll jekk ittieħdux xi passi u x'kienu dawn il-passi?

22/02/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fir-rigward tas-soqfa tal-bini tal-Qorti ta' Għawdex, ftit tax-xhur ilu ġie mibdul il-membrane fuq il-bjut tal-istess soqfa kif ukoll saru xi tiswijiet fejn kien meħtieġ biex ma jipperkolax ilma tax-xita fuq ġewwa tal-istess binja. Saret spezzjoni dan ix-xahar minn perit mibgħut mill-Ministeru ta' Għawdex li ma kkonstata ebda perikolu imminenti fis-soqfa tal-binja. Sabiex tkompli tiġi imħarsa s-saħħa u sigurta' tal-persuni kollha illi jagħmlu użu mill-Qrati ta' Għawdex, fil-ġranet li ġejjin ser isiru testijiet fuq kull travu eżistenti fil-binja.

Seduta 221
14/03/2024

**MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – IMJEGATI**

**16694. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riformi u Djalogu Soċjali: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jgħid għal kull awtorità jew entità pubblika li taqa' taħt id-dekasteru tiegħu kemm hemm:

1. impjegati li qed jaħdmu fuq bażi part-time, u f'kull każ x'inhu r-rwol ta' kull impjegat?
2. impjegati li qed jaħdmu fuq bażi ta' reduced hours u f'kull każ x'inhu r-rwol ta' kull impjegat?

26/02/2024

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' impjegati ta' l-awtoritajiet u l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riformi u d-Djalogu Soċjali li qed jaħdmu fuq bażi part-time u dawk li qed jaħdmu fuq bażi ta' reduced hours kif mitluba minnu.
Seduta 221
14/03/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - IMPJEGATI**

**16695. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Għal kull awtorità jew entità pubblika li taqa' taħt id-dekasteru tagħha, tista' l-Ministru tgħid, kemm hemm:

1. impjegati li qed jaħdmu fuq bażi part-time, u f'kull każ x'inhu r-rwol ta' kull impjegat?
2. impjegati li qed jaħdmu fuq bażi ta' reduced hours u f'kull każ x'inhu r-rwol ta' kull impjegat?

26/02/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:**
Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 221
14/03/2024

**BELT VALLETTA - PURĊISSJONIJIET TAD-DULURI U TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA**

**16750. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'prekawzjonijiet, permessi u azzjoni se tittieħed sabiex il-purċissjonijiet tad-Duluri u tal-Ġimgħa l-Kbira jkunu jistgħu jsiru fit-toroq tal-Belt Valletta mingħajr ma jkun hemm aċċess limitat?

26/02/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-Pulizija qiegħda f'diskussjonijiet ma' entitajiet responsabbli għal ħruġ ta' permessi u liċenzji, fejn jikkonċerna postijiet ta' negozju fil-Belt Valletta, biex tkun tista' tgħin fl-infurzar lill-istess entitajiet, waqt il-purċissjonijiet tad-Duluri u tal-Ġimgħa l-Kbira.

Seduta 221
14/03/2024

**PROSTITUZZJONI TA' MINORENNI - PERSUNI MRESSQA L-QORTI**

**16789. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15073 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni u jgħid kemm-il persuna tressqet il-Qorti akkużata b'reat marbut ma' prostituzzjoni ta' minorenni fis-sena 2023? Jista' jipprovdi l-eżitu ta' dawn il-kawżi?

27/02/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi ma kienx hemm persuni li tressqu l-Qorti akkużati b'reat marbut ma' prostituzzjoni ta' minorenni fis-sena 2023.

Seduta 221
14/03/2024

**PROSTITUZZJONI TA' MINORENNI - PERSUNI MRESSQA L-QORTI**

**16790. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15074 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni u jgħid kemm-il persuna tressqet il-Qorti akkużata b'reat marbut ma' prostituzzjoni ta' minorenni fis-sena 2022? Jista' jipprovdi l-eżitu ta' dawn il-kawżi?

27/02/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi ma kienx hemm persuni li tressqu l-Qorti akkużati b'reat marbut ma' prostituzzjoni ta' minorenni fis-sena 2022.

Seduta 221
14/03/2024

**IX-XAGĦRA GĦAWDEX – ŻONA TA' LABLAB – FDALIJIET MISJUBA**

**16813. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk instabux burial pits oħrajn u/jew aktar għadam uman fiż-żona Ta' Lablab fix-Xagħra, Għawdex? Jista' wkoll jindika b'mod grafiku fejn instabu dawn il-fdalijiet?

27/02/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali li l-istess Sovrintendenza ma tafx b'*burial pits* oħrajn li nstabu fiż-żona Ta' Lablab fix-Xagħra, Għawdex.

Seduta 221
14/03/2024

**IX-XAGĦRA GĦAWDEX – ŻONA TA' LABLAB - HERITAGE GAIN**

**16814. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġietx imposta heritage gain fuq Plot 16 u/jew fuq Plot 17 li jinsabu fiż-żona Ta' Lablab fix-Xagħra, Għawdex?

27/02/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali li fuq Plot 16 ma ġiet imposta l-ebda heritage gain.

Intant infurmat mill-istess Sovrintendenza li fuq Plot 17, ġiet imposta heritage gain f'April ta' 2022 abbażi tar-riżultati tal-investigazzjonijiet u rakkommandazzjonijiet li kienu saru fl-2012.

Seduta 221
14/03/2024

**FORTI SANT IERMU - XOGĦLIJIET**

**16815. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid hux qed isir xogħol ġewwa Forti Sant Iermu? Jekk iva, jista' jgħid x'tip ta' xogħol qed isir u x'inhi r-raġuni għalfejn dan hu meħtieg li jsir?

27/02/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li fil-forti Sant Iermu saru dawn ix-xogħlijiet

1. Xogħolijiet ta' restawr fuq il-pjattaforma tal-lighthouse u l-pedamenti tagħha;
2. Żieda fl-interpretazzjoni fil-bastjun ta' Abercrombie u fil-gunpowder magazine;
3. Manutenzjoni regolari t'aperturi u aspetti oħra skond kif ikun meħtieg;
4. Xogħolijiet ta' preparazzjoni għar-restawr tal-viewing platform fuq il-Kavallier;
5. Restawr tal-pont antik tad-daħla u tat-taraġ biswit li jagħti għall-foss;
6. Preparementi għall-installazzjonijiet tal-MaltaBiennale;
7. Xogħol ta' restawr tal-Gardjola;
8. Preparamenti għax-xogħol ta' tiswija ta' soqfa tal-garaxxijiet għall-vetturi tal-gwerra.

Seduta 221
14/03/2024

**BORDIJIET - DIRETTURI**

**16897. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 16501 u jagħti n-numru ta' diretturi nisa appuntati mill-Gvern fuq bordijiet tal-pajjiż bejn l-2013 u l-2023? Jista' jgħid ukoll x'kien in-numru totali ta' irġiel u nisa li kienu f'din il-kariga fl-istess snin?

29/02/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Qed inpoġġi t-tagħrif mitlub fuq l-Mejda tal-Kamra, fejn jikkonċerna l-bordijiet fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Seduta 221
14/03/2024

**FILMS TA' PRODUTTURI MALTIN - PROMOZZJONI**

**16898. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 16512 u jgħid kif ser jibda jippromwovi films ta' produtturi Maltin u li ġew iffilmjati f'pajjiżna biex jiġu esibiti fuq l-istazzjon nazzjonali ta' pajjiżna u b'hekk ikunu jistgħu jitgawdew mill-poplu Malti u Għawdxi?

29/02/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex tagħmel din il-mistoqsija paramentari lill-Ministeru kkonċernat. L-istazzjon nazzjonali ma jaqax taħt il-mansjoni tal-Ministeru għat-Turiżmu.

Seduta 221
14/03/2024

**SANTA LUĊIJA - PALM**

**16933. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm intilfu siġar tal-palm f'Santa Luċija matul dawn l-aħħar ħames snin minħabba raġunijiet varji u kemm minħabba l-insett magħruf bħala "Weevil aħmar tal-palm" u kemm oħrajn ġodda ġew imħawwla?

01/03/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16929.

Seduta 221
14/03/2024

**ŻEJTUN - PALM**

**16934. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm intilfu siġar tal-palm fiż-Żejtun matul dawn l-aħħar ħames snin minħabba raġunijiet varji u kemm minħabba l-insett magħruf bħala "Weevil aħmar tal-palm" u kemm oħrajn ġodda ġew imħawwla?

01/03/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16929.

Seduta 221
14/03/2024

**MARSAXLOKK - PALM**

**16935. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm intilfu siġar tal-palm f'Marsaxlokk matul dawn l-aħħar ħames snin minħabba raġunijiet varji u kemm minħabba l-insett magħruf bħala "Weevil aħmar tal-palm" u kemm oħrajn ġodda ġew imħawwla?

01/03/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16929.

Seduta 221
14/03/2024

**ĦAL GĦAXAQ - PALM**

**16936. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista’ l-Ministru jgħid kemm intilfu siġar tal-palm f’Ħal Għaxaq matul dawn l-aħħar ħames snin minħabba raġunijiet varji u kemm minħabba l-insett magħruf bħala “Weevil aħmar tal-palm” u kemm oħrajn ġodda ġew imħawwla?

01/03/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16929.

Seduta 221
14/03/2024

**WIED IL-GĦAJN - PALM**

**16937. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista’ l-Ministru jgħid kemm intilfu siġar tal-palm f’Wied il-Għajn matul dawn l-aħħar ħames snin minħabba raġunijiet varji u kemm minħabba l-insett magħruf bħala “Weevil aħmar tal-palm” u kemm oħrajn ġodda ġew imħawwla?

01/03/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16929.

Seduta 221
14/03/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**16952. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Frar 2024?

01/03/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta’ sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 221
14/03/2024

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**16953. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Frar 2024?

01/03/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari16406.

Seduta 221
14/03/2024

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**16954. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Frar 2024?

01/03/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16407.

Seduta 221
14/03/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**16955. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Frar 2024?

01/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16408.

Seduta 221
14/03/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**16956. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Frar 2024?

01/03/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari16409.

Seduta 221
14/03/2024

**BELT VALLETTA - UNESCO WORLD HERITAGE**

**16971. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-rapport li diġà ntbagħat lill-UNESCO dwar il-views and vistas tal-Belt Valletta li sar fuq il-Belt mill-World Heritage Committee?

04/03/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat illi stante l-fatt li l-iskambji u l-komunikazzjonijiet mal-UNESCO ghadhom ghaddejjin, ikun intempestiv li tali rapport jigi ppubblikat f'dan l-istadju.

Seduta 221
14/03/2024

**KOPERATTIVI TAS-SAJD - LAQGĦAT**

**17006. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk kellux talbiet mill-Koperattivi tas-Sajd biex jiltaqa' magħhom, sena b'sena, mill-2020 sal-ġuranta li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u kemm fil-fatt iltaqa' ma' dawn il-koperattivi?

04/03/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Il-Gvern jiltaqa' u dispost jiltaqa' ma' kulħadd inkluż il-Koperattiva tas-Sajd li qed issemmi int. Fil-fatt diġa saru wkoll laqgħat mal-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali.
Seduta 221
14/03/2024

**INDIS MALTA LIMITED - ASBESTOS**

**17007. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm għad fadal binjiet amministrati minn INDIS Malta Ltd. li għad għandhom asbestos bħala parti mill-bini, speċjalment fis-soqfa? X'qed isir biex tiġi salvagwardjata s-saħħa tal-ħaddiema li jaħdmu f'dawn il-binjiet? X'inhi r-raġuni li dan l-asbestos qatt ma tneħħa mill-INDIS Malta Ltd. bħala s-sid ta' dawn il-binjiet? X'passi ser tieħu l-INDIS Malta Ltd. fil-konfront ta' dawn il-binjiet, bħala s-sid tagħhom, biex tara li dan l-asbestos jitneħħa mill-aktar fis possibbli? Jista' jgħid ukoll jekk l-INDIS Malta Ltd. għandhiex records ta' kemm binjiet li huma proprjetà tagħha għad għandhom l-asbestos ġo fihom? F'każ li ħaddiema jimirdu minħabba dan l-asbestos, l-INDIS Malta Ltd. ser terfa' r-responsabiltà tan-nuqqas ta' azzjoni min-naħa tagħha biex dan l-asbestos jitneħħa?

04/03/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma l-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 221
14/03/2024

**INDIS MALTA LIMITED – BINJIET B'SUFFETTI TAL-JABLO**

**17008. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn binjiet proprjetà ta' INDIS Malta Ltd. li għad għandhom suffetti tal-expanded polystyrene (EPS – jablo) li huwa materjal fjammabbli u li fil-każ li jkun hemm ħruq taħtu, dan idub u jqattar bħala żejt? Sar assessment tal-periklu li jinħoloq f'każ ta' ħruq kemm għal min jinzerta taħtu kif ukoll għall-ħaddiema tat-tifi tan-nar fil-każ li jkollhom bżonn jintervjenu biex jitfu n-nar?

04/03/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma l-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 221
14/03/2024

**INDIS MALTA LIMITED – TNEĦĦIJA TAL-ASBESTOS U JABLO**

**17009. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb li l-materjali tal-asbestos u l-expanded polystyrene - EPS humiex ser jiġu mneħħija mill-binjiet proprjetà ta' INDIS Malta Ltd.? Jista' jgħid ukoll jekk ix-xogħol hux ser tidħol għalih INDIS, u f'liema terminu ta' żmien għandu jkun mistenni li dan ix-xogħol iseħħ?

04/03/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma l-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 221

14/03/2024
**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - ADVISORY COST LIMIT GĦAL ĠBIR TA’ INFORMAZZJONI**

**17073. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15419, jista’ l-Prim Ministru jgħid kemm hu l-advisory cost biex tinġabar l-informazzjoni kif mitluba f'dik il-mistoqsija parlamentari?

06/03/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari nru 18788 tal-Leġislatura 13.

Seduta 221
14/03/2024

**NAXXAR - PERSUNI LI KIENU QED JAĦDMU**

**17124. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista’ l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li kienu qegħdin jaħdmu u jgħixu n-Naxxar sal-aħħar tas-sena 2023? Jista’ jaqsam din l-informazzjoni għall-persuni li kienu impjegati full-time jew part-time? Kemm minn dawn kienu Maltin, kemm kienu barranin u x’inhi n-nazzjonalità tal-barranin? Jista’ jaqsam din l-informazzjoni skont is-sess?

06/03/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni mitluba dwar n-numru ta’ persuni, nisa u rġiel, li kienu impjegati fuq bażi*full-time* jew *part-time* sal-aħħar ta’ Settembru 2023 u li jgħixu n-Naxxar, skont in-nazzjonalità tagħhom, qed tidher fit-tabella riprodotta hawn taħt.

| **IN-NAXXAR** | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Settembru 2023** | | **Full Time** | | | **Part Time bħala xogħol Ewlieni** | | |
| **Kategorija** | **Nazzjonalita`** | **Nisa** | **Rġiel** | **Total** | **Nisa** | **Rġiel** | **Total** |
| | **MALTIN** | **2,617** | **3,488** | **6,105** | **606** | **422** | **1,028** |
| **Barranin** | | | | | | | |
| EU | Austria | | 1 | 1 | 1 | | 1 |
| | Belgium | 5 | 6 | 11 | | | 0 |
| | Bulgaria | 14 | 23 | 37 | 3 | 3 | 6 |
| | Croatia | 4 | 5 | 9 | | 1 | 1 |
| | Cyprus | 1 | 1 | 2 | | | 0 |
| | Czech Republic | 7 | 4 | 11 | | 1 | 1 |
| | Denmark | 1 | 3 | 4 | 1 | | 1 |
| | Estonia | 1 | | 1 | | | 0 |
| | Finland | 2 | 2 | 4 | | | 0 |
| | France | 12 | 19 | 31 | 2 | 5 | 7 |
| | Germany | 16 | 24 | 40 | 7 | 2 | 9 |
| | Greece | 13 | 10 | 23 | 3 | 1 | 4 |
| | Hungary | 22 | 19 | 41 | 5 | 2 | 7 |
| | Ireland | 7 | 7 | 14 | | | 0 |
| | Italy | 88 | 169 | 257 | 12 | 15 | 27 |
| | Latvia | 4 | 5 | 9 | | | 0 |
| | Lithuania | 6 | 1 | 7 | 3 | | 3 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Luxembourg | 1 | | 1 | | | 0 |
| | Netherlands | 8 | 10 | 18 | 3 | 1 | 4 |
| | Poland | 10 | 15 | 25 | 6 | 3 | 9 |
| | Portugal | 7 | 5 | 12 | 1 | | 1 |
| | Romania | 18 | 19 | 37 | | 1 | 1 |
| | Slovak Rep. | 6 | 5 | 11 | | 2 | 2 |
| | Slovenia | 4 | 3 | 7 | | | 0 |
| | Spain | 8 | 12 | 20 | 1 | 1 | 2 |
| | Sweden | 7 | 9 | 16 | 1 | 1 | 2 |
| | Iceland | 1 | 3 | 4 | | | 0 |
| | Norway | 1 | 2 | 3 | | | 0 |
| EEA & EFTA | Switzerland | 1 | | 1 | | | 0 |
| TCN | Albania | 7 | 28 | 35 | | | 0 |
| | Antigua And Barbuda | 1 | | 1 | | | 0 |
| | Argentine Republic | | 3 | 3 | 1 | | 1 |
| | Armenia | 1 | | 1 | | | 0 |
| | Bangladesh | 1 | 31 | 32 | | | 0 |
| | Belarus | 2 | 1 | 3 | | | 0 |
| | Bolivia | | 1 | 1 | | | 0 |
| | Bosnia & Herzegovina | | 3 | 3 | | | 0 |
| | Brazil | 7 | 9 | 16 | | | 0 |
| | British National (Overseas) | 1 | | 1 | | | 0 |
| | Canada | 1 | 1 | 2 | | | 0 |
| | China | 1 | 4 | 5 | 1 | | 1 |
| | Colombia | 37 | 33 | 70 | | | 0 |
| | Costa Rica | 1 | | 1 | | | 0 |
| | Egypt | 3 | 10 | 13 | | | 0 |
| | Eritrea | | 3 | 3 | | | 0 |
| | Gambia | | 2 | 2 | | | 0 |
| | Georgia | | 2 | 2 | | | 0 |
| | Ghana | | 1 | 1 | | | 0 |
| | India | 37 | 202 | 239 | | | 0 |
| | Indonesia | 1 | | 1 | | | 0 |
| | Iran | | 1 | 1 | | | 0 |
| | Israel | | 1 | 1 | | | 0 |
| | Ivory Coast | 1 | 2 | 3 | | | 0 |
| | Jamaica | | 1 | 1 | | | 0 |
| | Japan | 2 | | 2 | | | 0 |
| | Jordan | 1 | | 1 | | | 0 |
| | Kazakhstan | 4 | 1 | 5 | | | 0 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kenya | 1 | | 1 | | | 0 |
| | Lebanon | 1 | 3 | 4 | | | 0 |
| | Libya | 3 | 17 | 20 | | 3 | 3 |
| | Macedonia (F.R.Y.) | 1 | 10 | 11 | | | 0 |
| | Mexico | 2 | | 2 | | | 0 |
| | Moldova | 1 | 2 | 3 | | | 0 |
| | Mongolia | 2 | | 2 | | | 0 |
| | Montenegro | | 2 | 2 | | | 0 |
| | Morocco | 2 | 16 | 18 | | | 0 |
| | Nepal | 56 | 118 | 174 | | 1 | 1 |
| | New Zealand | | 1 | 1 | | | 0 |
| | Nigeria | 2 | 13 | 15 | | | 0 |
| | Pakistan | 3 | 34 | 37 | | 1 | 1 |
| | Palestine | | 2 | 2 | | | 0 |
| | Peru | 2 | 3 | 5 | | | 0 |
| | Philippines | 125 | 60 | 185 | 2 | | 2 |
| | Republic Of Mauritius | 5 | 2 | 7 | | | 0 |
| | Russian Federation | 13 | 7 | 20 | 3 | | 3 |
| | Senegal | | 1 | 1 | | | 0 |
| | Serbia | 19 | 34 | 53 | | 1 | 1 |
| | Seychelles | | 1 | 1 | | | 0 |
| | Singapore | | 1 | 1 | | | 0 |
| | South Africa | 7 | 11 | 18 | | | 0 |
| | Sri Lanka | 4 | 1 | 5 | | | 0 |
| | St Kitts And Nevis | | 1 | 1 | | | 0 |
| | Syrian Arab Rep. | | 8 | 8 | | | 0 |
| | Tajikistan | | 1 | 1 | | | 0 |
| | Thailand | 4 | 1 | 5 | 1 | | 1 |
| | Tunisia | 2 | 1 | 3 | | | 0 |
| | Turkey | 11 | 16 | 27 | 1 | 1 | 2 |
| | Uganda | 1 | | 1 | | | 0 |
| | Ukraine | 19 | 8 | 27 | 1 | | 1 |
| | United Kingdom | 57 | 103 | 160 | 26 | 12 | 38 |
| | United States of America | 4 | 2 | 6 | | | 0 |
| | Uzbekistan | | 9 | 9 | | | 0 |
| | Venezuela | 5 | 6 | 11 | | | 0 |
| | Vietnam | 1 | | 1 | | | 0 |
| | Zimbabwe | 1 | | 1 | | | 0 |

**MĠARR - PERSUNI LI KIENU QED JIRREĠISTRAW GĦAX-XOGĦOL**

**17125. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li kienu qegħdin jirreġistraw għax-xogħol li jgħixu l-Imġarr sal-aħħar tas-sena 2023? Jista' l-Ministru jaqsam din l-informazzjoni għall-persuni li kienu qegħdin jirreġistraw għal xogħol full time jew part time? Kemm minn dawn kienu Maltin, kemm kienu barranin u x'inhi n-nazzjonalità tal-barranin? Jista' jaqsam din l-informazzjoni skont is-sess?

06/03/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni mitluba dwar n-numru ta' persuni, nisa u rġiel, li kienu qed jirreġistraw għax-xogħol u li jgħixu l-Imġarr fl-aħħar ta' Diċembru 2023 skont in-nazzjonalitá tagħhom, qed tidher fit-tabella riprodotta hawn taħt.

| **L-Imġarr Malta** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Kategorija** | **Nazzjonalita`** | **Nisa** | **Rġiel** | **Total** |
| MALTIN | | 4 | 2 | 6 |
| TCN | United Kingdom | 1 | 1 | 2 |
| TCN Total | | 1 | 1 | 2 |
| Total | | 5 | 3 | 8 |

Seduta 221
14/03/2024

**MĠARR - PERSUNI LI KIENU QED JAĦDMU**

**17126. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li kienu qegħdin jaħdmu u jgħixu l-Imġarr sal-aħħar tas-sena 2023? Jista' jaqsam din l-informazzjoni għall-persuni li kienu impjegati full time jew part time? Kemm minn dawn kienu Maltin, kemm kienu barranin u x'inhi n-nazzjonalità tal-barranin? Jista' jaqsam din l-informazzjoni skont is-sess?

06/03/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni mitluba dwar n-numru ta' persuni, nisa u rġiel, li kienu impjegati fuq bażi*full-time* jew *part-time* sal-aħħar ta' Settembru 2023 u li jgħixu l-Imġarr, skont in-nazzjonalità tagħhom, qed tidher fit-tabella riprodotta hawn taħt.

| **L-IMĠARR MALTA** | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Settembru 2023** | | **Full Time** | | | **Part Time bħala xogħol Ewlieni** | | |
| **Kategorija** | **Nazzjonalita`** | **Nisa** | **Rġiel** | **Total** | **Nisa** | **Rġiel** | **Total** |
| **MALTIN** | | 820 | 1,143 | 1,963 | 198 | 130 | 328 |
| **BARRANIN** | | | | | | | |
| EU | Austria | | 1 | 1 | | | 0 |
| | Belgium | | 2 | 2 | | | 0 |
| | Bulgaria | 5 | 3 | 8 | 1 | | 1 |
| | Denmark | | 1 | 1 | | | 0 |
| | Finland | 1 | | 1 | | | 0 |
| | France | 2 | 5 | 7 | | | 0 |
| | Germany | 5 | 9 | 14 | | 1 | 1 |
| | Greece | | 1 | 1 | | | 0 |
| | Hungary | 5 | 2 | 7 | 1 | 5 | 6 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ireland | 2 | 1 | 3 | 2 | | 2 |
| | Italy | 26 | 37 | 63 | 10 | 7 | 17 |
| | Lithuania | 1 | 3 | 4 | 1 | | 1 |
| | Netherlands | 2 | 3 | 5 | | | 0 |
| | Poland | 5 | 6 | 11 | 1 | | 1 |
| | Portugal | 1 | | 1 | | | 0 |
| | Romania | 4 | 6 | 10 | | | 0 |
| | Slovak Rep. | 2 | | 2 | | | 0 |
| | Slovenia | | 1 | 1 | | | 0 |
| | Spain | 1 | | 1 | 1 | | 1 |
| | Sweden | | 3 | 3 | | | 0 |
| EEA & EFTA | Switzerland | 1 | | 1 | | | 0 |
| TCN | Albania | 1 | | 1 | | | 0 |
| | Bangladesh | | 2 | 2 | | | 0 |
| | Cameroon | | 2 | 2 | | | 0 |
| | Colombia | 4 | 6 | 10 | | | 0 |
| | Egypt | | 4 | 4 | | | 0 |
| | Eritrea | | 1 | 1 | | | 0 |
| | Ghana | | 2 | 2 | | 1 | 1 |
| | India | 5 | 39 | 44 | | 1 | 1 |
| | Indonesia | | 5 | 5 | | | 0 |
| | Ivory Coast | | 1 | 1 | | | 0 |
| | Mauritania | 1 | 1 | 2 | | | 0 |
| | Nepal | 1 | 5 | 6 | | | 0 |
| | Niger | | 2 | 2 | | | 0 |
| | Nigeria | 3 | | 3 | | | 0 |
| | Pakistan | 1 | 3 | 4 | | | 0 |
| | Philippines | 16 | 3 | 19 | 1 | | 1 |
| | Republic Of Mauritius | 3 | 2 | 5 | | | 0 |
| | Russian Federation | 2 | | 2 | | | 0 |
| | Serbia | 9 | 6 | 15 | | | 0 |
| | South Africa | 3 | 2 | 5 | | | 0 |
| | Syrian Arab Rep. | | 2 | 2 | | | 0 |
| | Thailand | 1 | 1 | 2 | | | 0 |
| | Tunisia | | 3 | 3 | | | 0 |
| | Turkey | 2 | 11 | 13 | | | 0 |
| | Ukraine | 2 | 1 | 3 | | | 0 |
| | United Kingdom | 16 | 22 | 38 | 4 | 3 | 7 |

**IVF - PROĊEDURI**

**17147. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il proċedura tal-IVF saret matul is-sena 2023? Kemm minn dawn saru fl-Art Clinic fl-Isptar Mater Dei u kemm saru fi kliniċi privati? Kemm minn dawn kienu ta' suċċess fis-sens li wasslu għall-wild ta' tarbija/trabi?

07/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 221
14/03/2024

**IVF – PROĊEDURI BI SPERM DONOR**

**17148. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il proċedura tal-IVF saret permezz ta' sperm donor matul is-sena 2023? Kemm minn dawn saru fl-Art Clinic fl-Isptar Mater Dei u kemm saru fi kliniċi privati? Kemm minn dawn kienu ta' suċċess, fis-sens li wasslu għall-wild ta' tarbija/trabi?

07/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 221
14/03/2024

**IVF – PROĊEDURI B'EGG DONOR**

**17149. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il proċedura tal-IVF saret permezz ta' egg donor matul is-sena 2023? Kemm minn dawn saru fl-Art Clinic fl-Isptar Mater Dei u kemm saru fi kliniċi privati? Kemm minn dawn kienu ta' suċċess, fis-sens li wasslu għall-wild ta' tarbija/trabi?

07/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 221
14/03/2024

**SUSSIDJU FUQ L-GĦALF GĦAN-NAGĦAĠ U MOGĦOŻ**

**17161. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk għalf għan-nagħaġ u mogħoż bħal pellets high milk, xgħir u maize, hux ser ikun issussidjat mill-Gvern?

08/03/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern ilu mill-2022 jissussidja l-importazzjoni tal-għalf tal-annimali intiż għas-settur tat-trobbija tal-bhejjem bl-Iskema ta' Sussidju Temporanja għall-Istabilizzazzjoni tal-Prezzijiet. Permezz ta' dan, il-prezzijiet fis-suq lokali għar-raħħala nżammu stabbli skont dawk ta' Marzu 2022. Pellets għan-nagħaġ u l-mogħoż (immirati għal stadji/etajiet diversi waqt it-trobbija tal-annimal), xgħir u qamħirrun huma fost il-prodotti li huma ssussidjati. Hekk kif ġie imħabbar fil-Baġit, din l-Iskema ser tkompli anke fis-sena 2024.

Seduta 221
14/03/2024

**DGĦAJJES LI KELLHOM IL-KWOTI TAT-TONN**

**17162. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid, minn dawk id-dgħajjes li kellhom il-kwoti tat-tonn mill-2013 sal-2023, sena b'sena;
i. kemm kellhom friża u magna tas-silġ fuq id-dgħajsa u kemm kellhom kwota;
ii. kemm kellhom friża biss fuq id-dgħajsa u kemm kellhom kwota; u
iii. ma kellhomx friża fuq id-dgħajsa u kemm kellhom kwota?

08/03/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha, kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit.
Seduta 221
14/03/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – BORDIJIET TA' ENTITAJIET, AĠENZIJI U AWTORITAJIET – MEMBRI**

**17184. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk fuq il-bordijiet ta' entitajiet, aġenziji u awtoritajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu hemmx membri appuntati li jokkupaw il-kariga ta' Segretarju Permanenti jew Segretarju Permanenti Ewlieni? Jista' jgħid min huma dawn il-persuni u kemm jitħallsu, inklużi l-perkaċċi varji u fuq liema Bord iservu?

08/03/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li ma hemm l-ebda membri appuntati li jokkupaw il-kariga ta' Segretarju Permanenti jew Segretarju Permanenti Ewlieni fuq il-bordijiet ta' entitajiet, aġenziji u awtoritajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li tiegħu jiena responsabbli.
Seduta 221
14/03/2024

**LESA - IMPJEGATI**

**17229. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm impjegati fil-LESA? Jista' jgħid ukoll f'liema gradi u n-numru ta' impjegati li hemm f'kull grad?

11/03/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li t-total ta' impjegati fil-LESA huwa ta' mija tnejn u tmenin (182), kif spjegat fit-tabella riprodotta hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Chief Executive Officer | 1 |
| Director Corporate Affairs | 1 |
| Director Operations | 1 |
| Financial Controller | 1 |
| Professional Officers | 1 |
| Senior Officers | 4 |
| Regional Enforcement Officers | 6 |
| Officers | 6 |
| Accounts Clerks | 5 |
| Inspectors | 5 |
| Coordinators | 1 |
| Field Officers and Duty Officers | 13 |
| Clerks and Junior Accounts | 5 |
| Community Officers | 122 |
| Office and Other Assistants | 9 |
| General Duties and Ancillaries | 1 |
| **Total** | **182** |

Seduta 221
14/03/2024

**ĦAL KIRKOP - KULLEĠĠ SAN BENEDITTU – ATTIVITÀ POLITIKA**

**17230. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħallset l-organizzazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament sabiex ittella' attività tal-Ħadd 10 ta' Marzu fl-iskola statali ta' Ħal Kirkop? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra evidenza ta' dan?

11/03/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokument relatat.

Seduta 221
14/03/2024

**SKEJJEL STATALI – ATTIVITAJIET POLITIĊI**

**17231. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk id-Direttorat għandux politika speċifika dwar l-użu ta' swali fl-iskejjel statali jew partijiet minn skejjel statali għal attivitajiet politiċi mtellgħa minn partiti politiċi? Jekk iva, jista' jqiegħed dan id-dokument fuq il-Mejda tal-Kamra, u jekk le, jista' jgħid x'inhi l-pożizzjoni tad-Direttorat fil-konfront ta' attivitajiet politiċi mtellgħa fl-iskejjel tal-poplu?

11/03/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f’każ li ma jkun hemm xejn li jfixkel l-andament tal-iskola, u l-faċilità rikjesta tkun tippermetti, l-ispazju jkun jista’ jinkera lil terzi bi flus.

Seduta 221
14/03/2024

**IL-BAĦRIJA - TRIQ PRIVATA JEW PUBBLIKA**

**17232. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista’ l-Ministru jgħid jekk it-triq li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament hijiex privata jew pubblika?

11/03/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninsab infurmat li l-Awtorità tal-Artijiet jirriżultalha li t-triq li għamel referenza għaliha l-Onorevoli Interpellant mhijiex proprejtà tal-Gvern.

Seduta 221
14/03/2024

**ŻGUMBRAMENT - FORTI BENGĦAJSA**

**17233. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Minkejja li f’Ottubru tal-2023 il-persuni li jokkupaw Forti Bengħajsa mingħajr ebda titolu validu fil-liġi ingħataw l-iskadenza tal-perjodu ta’ tletin jum, jista’ l-Ministru jgħid għalfejn għadu ma sarx l-iżgumbrament?

11/03/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għaddejjin proċeduri ġudizzjarji għat-terminazzjoni tal-kirja.

Seduta 221
14/03/2024

**REKWIŻITI - KUNTISTABBLI FIL-KORP TAL-PULIZIJA**

**17234. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16436, jista' l-Ministru jgħid jekk Diploma mill-MCAST fil-livell MQF 3, li tinkludi erba' suġġetti tal-livell MQF 3, inkluż il-Malti u l-Ingliż, iżda mhux relatata speċifikament ma' suġġetti fl-istudji tal-pulizija, tikkwalifikax individwu għall-pożizzjoni ta' kuntistabbli tal-pulizija?

11/03/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għad-dokument imqiegħd fuq il-Mejda tal-Kamra illi huwa ċar, b'mod speċjali għall-klawżola 4.1

fil-pussess ta' pass (fi Grad 5 jew C jew f' livell kumparabbli) f' livell MQF 3 f'erba' (4) suġġetti li jkunu jridu jinkludu l-Malti u l-Lingwa Ingliża;
jew
fil-pussess ta' kwalifika f'livell VET 3 jew Secondary School Certificate and Profiling Qualification f'livell MQF 3 fil-Malti, Ingliż u f'żewġ suġġetti oħra bħala units ta' studju separati fil-kors li jkunu segwew. Applikanti li jkollhom fil-pussess tagħhom MCAST Diploma f' MQF livel 3, jew MCAST-BTEC First Diploma jew MCAST-BTEC Diploma jew Ċertifikat tas-City and Guilds f' Livell 2 jiġu kkunsidrati wkoll sakemm is-suġġett ikun relatat mall-Pulizija.

Seduta 221
14/03/2024

**MĠARR – ĊIMITERJU - XOGĦLIJIET**

**17235. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti aġġornament dwar l-istat tax-xogħlijiet li għandhom isiru fiċ-ċimiterju tal-Imġarr, Malta, u jgħid jekk inħarġux il-permessi meħtieġa biex il-kuntrattur ikun jista' jibda x-xogħol?

11/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari15549.

Seduta 221
14/03/2024

**IMWEJJED U SIĠĠIJIET – SPEZZJONIJIET**

**17236. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16435, in vista tal-fatt li l-Awtorità tal-Artijiet mistennija żżomm, u ċertament iżżomm rendikont dettaljat tal-ispezzjonijiet li jsiru, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija li saritlu billi jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba minnu, u ċjoè informazzjoni indikata xahar b'xahar u skont il-lokalità tal-ispezzjonijiet li saru mill-Awtorità tal-Artijiet dwar encroachments ta' imwejjed u siġġijiet mill-ewwel ta' Novembru 2022 sal-aħħar ta' Jannar 2024?

11/03/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari16435.

Seduta 221
14/03/2024

**NEGOZJATI - PROPRJETAJIET TRASFERITI MILL-KNISJA GĦALL-ISTAT**

**17237. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16267, jista' l-Ministru jgħid jekk humiex għaddejjin negozjati dwar ftehim ġdid għat-trasferiment ta' proprjetajiet mill-Knisja għall-Istat?

11/03/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari16267.

Seduta 221
14/03/2024

**SKEJJEL MHUX TAL-GVERN - TABLETS**

**17242. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm tqassmu tablets matul din l-aħħar sena lill-Iskejjel mhux tal-Gvern?

11/03/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 17243.

Seduta 221
14/03/2024

**SKEJJEL TAL-GVERN - TABLETS**

**17243. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm tqassmu tablets lill-Iskejjel tal-Gvern matul dawn l-aħħar 12-il xahar?

11/03/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru qasam total ta’ 5,648 tablet fl-iskejjel ta’ Malta li jinkludu kemm dawk tal-Istat u kif ukoll mhux tal-Istat.

Seduta 221
14/03/2024

**SKEJJEL PRIVATI U TAL-KNISJA - TABLETS**

**17244. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk it-tablets li tqassmu lill-iskejjel privati u tal-Knisja, kinux ġodda jew jekk dawn kinux diġà użati minn studenti oħra?

11/03/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li ma ssir l-ebda distinzjoni bejn skejjel tal-Istat, tal-Knisja jew dawk Indipendenti. Peress li din is-sena kienet “bridging year”, dawk it-tablets li kienu għadhom f’kundizzjoni tajba, l-Ministeru nkariga lis-supplier jgħamel “wiping” tagħhom sabiex ikunu jistgħu jitqasmu.
Matul is-sena skolastika li jmiss, il-Ministeru kommess li jqassam tablets ġodda mgħamrin b’teknoloġija li tirrifletti n-neċessitajiet tal-llum il-ġurnata anke skont l-istrateġija Diġitali tal-Edukazzjoni l-ġdida.

Seduta 221
14/03/2024

**TABLETS SECOND HAND**

**17245. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il każ wasal għand il-Ministeru dwar tablets second hand li tqassmu lil studenti oħra u li dawn it-tablets kellhom ritratti fihom ta' studenti li kienu jużaw l-imsemmija tablets qabilhom?

11/03/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa għaddeja verifika nterna sabiex jiġi identifikat kemm ġew u jekk ġew reġistrati każijiet. Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li l-Ministeru ħa l-prekawzjonijiet neċessarji sabiex is-supplier jgħamel "wiping" tas-sistema sħiħa.

Seduta 221
14/03/2024

**IMU - IMPJEGATI**

**17246. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni li kienu jaħdmu fl-Information Management Unit (IMU) telqu, kemm irriżenjaw u kemm talbu għal transfer biex jiċċaqalqu f'Dipartimenti oħra?

11/03/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 221
14/03/2024

**SPTAR MATER DEI – KAŻ TA' AWTOPSJA**

**17247. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn l-Isptar Mater Dei għadu qed jirrifjuta li jħalli lill-familja tagħmel awtopsja fuq l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament u dan tmien xhur wara li ġie nieqes fil-5 ta' Lulju 2023?

11/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti.

Seduta 221
14/03/2024

**TALBA GĦAL AWTOPSJA PRIVATA FUQ INDIVIDWU**

**17248. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid fuq liema bażi t-talba tal-familja għal awtopsja privata qed tiġi injorata u x'qed jistenna l-Isptar Mater Dei sabiex jirrilaxxa l-katavru tal-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament għal dan l-iskop?

11/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari17247.

Seduta 221
14/03/2024

**SPTAR MATER DEI - KAŻ TA' INDIVIDWU LI ĠIE NIEQES**

**17249. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn l-Isptar Mater Dei qed jirrifjuta li jipprovdi lill-familja informazzjoni dwar kif qed jinżamm il-katavru tal-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament?

11/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari17247.

Seduta 221
14/03/2024

**SPTAR MATER DEI - KAŻ TA’ INDIVIDWU LI ĠIE NIEQES**

**17250. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista’ l-Ministru jgħid għalfejn l-Isptar Mater Dei mhux qed iħalli lill-familja tara l-katavru tal-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament fil-Kamra Mortwarja?

11/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari17247.

Seduta 221
14/03/2024

**KAŻ TA’ INDIVIDWU LI ĠIE NIEQES**

**17251. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista’ l-Ministru jgħid kif inhu aċċettabbli li sptar pubbliku jirrifjuta kompletament li jikkomunika mal-familjari tal-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament u jibqa' jżomm il-katavru tiegħu?

11/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari17247.

Seduta 221
14/03/2024

**COMMUNITY WORKS SCHEME ENTERPRISE - IMPJEGATI**

**17260. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm hemm ħaddiema tal-Community Works Scheme Enterprise mal-Kunsilli Lokali ta' Birkirkara, tal-Mosta, ta' Ħal Qormi u ta' San Pawl il-Baħar, u jgħid kemm tħallsu salarju xahar b'xahar għas-sena 2023 u kemm tħallsu overtime xahar b'xahar għas-sena 2023?

11/03/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt.

| **Lokalità** | **Nru. ta’ ħaddiema** |
|---|---|
| Ħal Qormi | 6 |
| Birkirkara | 13 |
| Mosta | 2 |
| San Pawl il-Baħar | 2 |

Intant, fir-rigward ta’ salarji u ħlasijiet, nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 221
14/03/2024

**IMQABBA - XOGĦLIJIET FIT-TOROQ**

**17275. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 16769 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16456, jista’ l-Ministru jgħid liema kienu l-prijoritajiet mogħtija lil Infrastructure Malta mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba rigward toroq li fihom għandhom isiru xogħlijiet matul is-sena 2024 u f'liema stadju wasal il-proċess ta' konsultazzjoni ma’ entitajiet varji biex il-proposti tagħhom fejn jirrigwarda infrastruttura ta' servizzi jiġu inklużi fil-proġetti rispettivi fl-Imqabba? Jista' jgħid ukoll meta ser jibdew ix-xogħlijiet, triq triq, u meta ser jispiċċaw?

11/03/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-pjan ta' ħidma mal-Kunsilli Lokali, l-kunsill tal-Imqabba talab it-toroq segwenti; P/o Triq Is-Sejba, Triq Baskal Xuereb, Triq Mons Alfons Caruana, Triq Il-Franka, Triq Il-Madonna tal-Gilju, Triq Il-Katakombi, Triq Nazzarenu, Alley No 3 At Triq Il-Parocca, Triq Il-Mitħna u Alley Ta' Lanġas.

Għaldaqstant Infrastruttura Malta skattat il-proċess ta' koordinazzjoni mal-entitajiet varji, liema proċess ta' konsultazzjoni jibqa għaddej u fejn jkun hemm bżonn jiġi mġedded minn żmien għal żmien, sa ma tinbeda it-triq partikolari. Infrastruttura Malta se tkun qed tibda xogħlijiet ta' dawn it-toroq minn din is-sena, 2024, b'mod susseggwenti sa biex tillimita l-inkonvenjent f'kull lokalità. Meta dawn joqorbu it- tlestija, Infrastruttura Malta terġgħa tniedi proċess ta' konstultazzjoni mal-kunsill rispettiv għal xogħlijiet oħra.

Seduta 221
14/03/2024

**ŻURRIEQ – XOGĦLIJIET FIT-TOROQ**

**17276. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 16768 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16457, jista' l-Ministru jgħid liema kienu l-prijoritajiet mogħtija lil Infrastructure Malta mill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq rigward toroq li fihom għandhom isiru xogħlijiet matul is-sena 2024 u f'liema stadju wasal il-proċess ta' konsultazzjoni ma' entitajiet varji biex il-proposti tagħhom fejn jirrigwarda infrastruttura ta' servizzi jiġu inklużi fil-proġetti rispettivi fiż-Żurrieq? Jista' jgħid ukoll meta ser jibdew ix-xogħlijiet, triq triq, u meta ser jispiċċaw?

11/03/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-pjan ta' ħidma mal-Kunsilli Lokali, l-kunsill taz-Żurrieq talab it-toroq segwenti; Vjal ix-xarolla, Triq Bronja, Triq Dun Vincenz Schembri, Vjal Emanuel Bugeja, Vjal Joseph Zerafa, Triq Serafin Zarb, Triq Sant Andrija, Service Rd at Vjal Blue Grotto, Triq Constantino Farrugia, Triq Dun Nazzareno Tonna, Triq Remig Sacco, Triq Salvu Saliba, Triq Widnet Il-Bahar, Vjal l-Indipendenza, Triq Karmnu Zammit, Triq Ferdinando Falzon, Triq Xandru D'Amato, Triq bejn Karmnu Zammut u Triq Wied, Triq L-Iskulturi Fabri, Triq Isoudoru Xuereb, Triq Santa Fawstina, Triq L-Arcipriet E.Mifsud, Triq L-Imtali, Triq San Ciru u Triq San Porfirju.

Għaldaqstant Infrastruttura Malta skattat il-proċess ta' koordinazzjoni mal-entitajiet varji, liema proċess ta' konsultazzjoni jibqa għaddej u fejn jkun hemm bżonn jiġi mġedded minn żmien għal żmien, sa ma tinbeda it-triq partikolari. Infrastruttura Malta se tkun qed tibda xogħlijiet ta' dawn it-toroq minn din is-sena, 2024, b'mod susseggwenti sa biex tillimita l-inkonvenjent f'kull lokalità. Meta dawn joqorbu it- tlestija, Infrastruttura Malta terġgħa tniedi proċess ta' konsultazzjoni mal-kunsill rispettiv għal xogħlijiet oħra.

Seduta 221
14/03/2024

**BIRŻEBBUĠA - BIĊĊA ART QRIB L-ISKOLA PRIMARJA**

**17277. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 16412 u 16766 u ċjoè: B'referenza għall-Gazzetta tal-Gvern Nru 20,966 datata 28 ta' Novembru 2022, paġni 16,050 u 16,052, jista' l-Ministru jgħid jekk il-biċċa art qrib l-Iskola Primarja ta' Birżebbuġa bejn Trejqet l-Iskola u Triq il-Bandli, ġietx akkwistata mill-Gvern? Jista' jgħid ukoll kemm tħallas biex ġiet akkwistata u għal liema raġunijiet ġiet akkwistata?

11/03/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-Avviż Nru. 1612 ippubblikat fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Novembru 2022 li jindika l-akkwist li kien sar skont u l-Liġi u l-valutazzjoni mill-periti nkarigati. Għadu ma sarx ħlas minħabba proċeduri legali. L-akkwist intalab biex isir spazju miftuħ pubbliku.

Seduta 221
14/03/2024

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – INFORMAZZJONI DWAR PLOT**

**17278. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid jekk inbdietx xi investigazzjoni dwar allegat dikjarazzjonijiet foloz fuq titolu fuq il-plot li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament, fejn qed jiġi allegat ukoll illi anke jekk l-Awtorità tal-Artijiet kienet taf b'dan l-iżvilupp u li l-binja kellha parti minnha fuq art pubblika, ġiet preżentata proposta lill-Bord tal-istess Awtorità sabiex dan il-plot, li diġà kien mibni, jinbiegħ?

11/03/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-Bord tal-Awtorità tal-Artijiet approva l-bejgħ b'tender pubbliku ta' din l-art wara li ġew segwiti il-proċeduri stabbiliti.

Seduta 221
14/03/2024

**PRODOTTI LIL PERSUNI DIPENDENTI FUQ IL-PEG**

**17279. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk fl-1 ta' Marzu 2024 jew fil-ġranet ta' qabel irriżultalux li persuni b'diżabilità severa li jgħixu mal-familji tagħhom u li huma dipendenti fuq il-Percutaneous Endoscopic Gastrostomy (PEG) feeding ingħataw feeds (energie shake) inferjuri bil-konsegwenza li dawn tilfu jew qed jitilfu l-piż? Jista' jgħid ukoll jekk huwiex minnu li dan il-prodott, li seta' kien maqtugħ, ġie recalled mill-Isptar imma baqa' jingħata mill-POYC?

11/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari16980, 16981 u 16982.

Seduta 221
14/03/2024

**BIRŻEBBUĠA – KLINIKA FIL-KOMUNITÀ**

**17280. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Fid-dawl li l-Gvern kien wiegħed illi l-Klinika fil-Komunità ġewwa Birżebbuġa kellha tkun lesta lejn l-aħħar tal-2023, u peress li fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14785, li ngħatat fit-12 ta' Jannar, il-Ministru informa lill-Kamra li d-data ta' meta ser tinfetaħ din il-Klinika kellha titħabbar fil-ġimgħat ta' wara, u peress li issa huwa magħruf illi hemm problemi bil-permessi, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-problemi relatati mal-permessi u x'inhuma l-passi li jmiss biex tinfetaħ din il-Klinika?

11/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li fit-8 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) ħarġet id-dikjarazjoni li m'għandha l-ebda oġġezzjoni għar-rampa ta' barra hekk kif kien rikjest mill-PA.

Dalwaqt titħabbar id-data meta għandha tiġi inawgurata.

Seduta 221
14/03/2024

**PBS - MULTA**

**17281. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Peress li l-Public Broadcasting Service (PBS) instab ħati u weħel multa mill-Awtorità tax-Xandir, jista' l-Ministru jgħid min se jħallas din il-multa, jekk hux il-PBS jew il-persuni responsabbli, jiġifieri ċ-Chairman jew l-Editur?

11/03/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li l-PBS se tkun qed timxi mal-proċedura li dejjem ġiet adoperata.

Seduta 221
14/03/2024

**MALTA EUROVISION SONG CONTEST - UDJENZA**

**17282. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-festival tal-Malta Eurovision Song Contest tal-2025 hux ser isir fl-istudio tal-Public Broadcasting Service (kif sar din is-sena) jew f'post ieħor li jippermetti l-preżenza ta' udjenza?

11/03/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-PBS illi f'dan l-istadju, l-PBS qed taħdem bis-sħiħ biex tħejji ruħha għal parteċipazzjoni fl-ESC fl-iSvezja f'Mejju li ġej.
Intant infurmat li dettalji rigward MESC 2025 jitħabbru aktar 'il quddiem. Kif diġà pronunzjajt ruħi pubblikament il-component ta' udjenza hi meqjusa element li għandu jkun hemm għall-edizzjonijiet futuri.

Seduta 221
14/03/2024

**MALTA EUROVISION SONG CONTEST 2024 – GĦOTJIET GĦALL-PRODUZZJONI TA' VIDEOS TAL-KANZUNETTI**

**17283. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16172, jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm kantanti li kellhom joħorġu l-flus minn buthom biex iħallsu iktar mill-€5,000 mogħtija lilhom biex jipproduċu video ta' kwalità? Jista' jgħid ukoll kemm fil-fatt kienet in-nefqa ta' kull kantant/a jew grupp?

11/03/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-PBS li l-istess PBS tat għotja ta' €5,000 lil kull finalist kif stabbilit fir-regolamenti ppublikati ferm qabel, biex b'hekk kull finalist kellu l-opportunita li jipproduċi *music video*. Din hi bla dubju ta' xejn inizzjattiva sabiħa li ħalliet il-ġid.
Intant infurmat li stante li l-aspett artistiku huwa suġġettiv u kull infieq huwa relattiv, il-PBS ma tissindikax in-nefqa ta' dak li jkunu jixtiequ jipproduċu l-artisti għall-interpretazzjoni tagħhom dment li dak li jkun qed isir ikun f'konformità mar-regolamenti.

Seduta 221
14/03/2024

**PBS – MULTA**

**17284. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16169, jista' l-Ministru jgħid min se jkun qed iħallas il-multa ta' €930 wara li l-PBS instab ħati ta' żbilanċ mill-Awtorità tax-Xandir?

11/03/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li l-PBS se tkun qed timxi mal-proċedura li dejjem ġiet adoperata.

Seduta 221
14/03/2024

**KAROZZI TAL-GVERN - LINJI GWIDA FUQ L-UŻU**

**17285. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk il-Kap taċ-Ċivil ippubblikax il-linji gwida fuq l-użu tal-karozzi tal-Gvern kif kien rakkomandat mill-Kummissarju għall-Istandards u jekk dawn jinkludux linji gwida lill-Ministri u Membri tal-Kabinett? Jekk iva, jista' jgħid meta ġew ippubblikati? Jekk le, meta se jiġu ppubblikati?

11/03/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Il-Gvern jevalwa r-rakkomandazzjonijiet kollha li jsirulu mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika. Il-Kodiċi tal-Etika għall-Ministri diġà jipprovdi l-gwida neċessarja fuq standards bħas-sens ta' servizz, id-diliġenza u l-kontabbiltà.

Seduta 221
14/03/2024

**SPTAR MATER DEI - PERSUNI TAĦT L-INFLUWENZA TAL-ALKOĦOL U/JEW DROGA LI DAĦLU FL-EMERĠENZA**

**17286. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijet parlamentari 16926, 16927 u 16928, jista' l-Ministru jgħid, x'qed isir biex tiġi indirizzata ż-żieda allarmanti tan-numru ta' persuni taħt l-influwenza tal-alkoħol u/jew droga li ddaħħlu l-Isptar Mater Dei?

11/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.
Seduta 221
14/03/2024

**SKOLA MEDIKA MALTIJA – STUDENTI BARRANIN**

**17302. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 17107, li oriġinarjament saret lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, u jgħid kemm kien in-numru ta' studenti barranin fl-Iskola Medika Maltija fis-sena ta' qabel fetħet l-iskola ta' Barths? Jista' jgħid ukoll kemm kien it-total ta' studenti li kienu eżentati milli jħallsu għall-istudju tagħhom u kemm kien l-ammont totali li huma ffrankaw kollha flimkien?

11/03/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.
Seduta 221
14/03/2024

**AWTORITÀ MALTIJA GĦAT-TURIŻMU – ATLETI FIL-GIRO D'ITALIA - REKLAMAR**

**17304. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 17127 u jgħid jekk l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) hijiex qed tirreklama jew tisponsorja atleti fil-Giro d'Italia? Jekk iva, jista' jgħid kemm huwa l-ammont ta' fondi li qed toħroġ għal dan il-għan?

11/03/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-marketing agreement bejn l-MTA u l-Giro d'Italia huwa ta' €230,000. Il-Giro d'Italia, li jsir madwar l-Italja kollha, huwa meqjus bħala wieħed mill-aktar kompetizzjonijiet importanti fis-settur taċ-ċikliżmu. Tajjeb wieħed jirrimarka li l-Italja huwa source market ewlieni għat-turiżmu f'pajjiżna, u l-Giro D'Italia huwa segwit minn 600 miljun ruħ f'200 pajjiż differenti fuq it-televiżjoni. Dan apparti l-midja soċjali u l-website li jiġġeneraw marketing exposure addizzjonali.

Seduta 221
14/03/2024

**VETTURI BIN-NUMRU TAR-REĠISTRAZZJONI TAT-TIP 'HQ' - KRITERJI**

**17305. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 17132 u jgħid fuq liema kriterju Transport Malta toħroġ number plates 'HQ' skont Artiklu 31(1)(ix) tal-Liġi Sussidjarja 368.02? Jista' jgħid x'inhi l-proċedura biex wieħed japplika għal tali pjanċa, u liema kriterji jrid jissodisfa, u jgħid dan fuq liema liġi, liġi sussidjarja jew avviż legali huwa bbażat?

11/03/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità għat-Trasport f' Malta talloka il-pjanċi HQ lil vetturi użati għall-ġarr ta' merkanzija minn burdnara. Il-proċedura hija li l-burdnar jimla' applikazzjoni fejn jitlob il-pjanci HQ u magħha jehmeż approvazzjoni maħruġa minn naħa ta' Dwana fejn turi li qed jawtorizzaw lill-burdnar li jkun ser jagħmel użu minn dawn il-pjanċi u fiha jinkludu wkoll id-dettalji tal-vettura.

Seduta 221
14/03/2024

**TRAILERS BIN-NUMRU TAR-REĠISTRAZZJONI 'TR'**

**17306. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 17133 u jispjega d-differenza bejn trailers bin-number plate 'TR', u trailers li jkunu mingħajr number plate? Jista' jgħid ukoll jekk trailer mingħajr number plate ikun involut f'inċident jew jikkawża xi dannu, anke waqt li jkun ipparkjat, kif jista' jiġi identifikat?

11/03/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-differenza bejn trailer bin-number plate "TR" u ieħor li ma għandux number plate hija li dawk reġistrati mal-Awtorità għat-Trasport f' Malta tingħatalhom il-pjanċa "TR" mentri dawk it-trailers mingħajr pjanċa ma jkunx irreġistrati mal-Awtorità. Dawk li mhux irregistrati mal-Awtorità jistgħu jiġi ddentifikati biss bin-numru tac-chassis minħabba li l-Awtorità ma jkollha l'ebda informazzjoni dwarhom. I¿da Trailer mhux rreġistrat u akkopjat ma' vettura kemm meta jkun qed jinġibed jew ipparkajat, sid il-vettura huwa responsabbli meta jinqala xi inċident.

Seduta 221
14/03/2024